**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 05/21** | |
| **Data:** | It-Tnejn, 14 ta' Ġunju 2021 |
| **Ħin:** | 5:42pm |
| **Post:** | Online - Microsoft Teams |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-5:50hrs)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **05.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **05.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **05.07** | **Tenders;** |
| **05.08** | **Xogħolijiet;** |
| **05.09** | **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;** |
| **05.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **05.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **05.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Caruana Ray ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Imejl annessa. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 04/21 inqraw u ġew approvati nem.con. Mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 05. 2 2 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jiżdied li ġie msemmi ż-żbir ta' siġar f'Misraħ Dom Mintoff u li ġiet mqaċċta siġra tal-boganvilla. | |
| 05. 2 3 | | Viċi-Sindku | Problema fi Vjal Sir Paul Boffa peress li ntlaqtet gallarija u kellna nitkellmu ma' Lasco Supermarket. | |
| 05. 2 4 | | Viċi-Sindku | Floodlights f'Ġebel San Martin | |
| 05. 2 5 | | Viċi-Sindku | Karozza mitluqa fi Pjazza Dom Mintoff sabiex jiġu nfurmati TM u titneħħa. | |
| 05. 2 6 | 04.06.09 | Fenech: Għoti tad-demm | Talbet li l-parti tal-attivitajiet tinfired għax m'għandiex x'taqsam. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 7 | 04.05.06 | Chircop: Tabelli | Chircop qal li ġew installati tlett tabelli ta' merħba fid-daħliet taż-Żejtun, sposnsorjati mill-HSBC peress li kien hemm spiċċaw. | Chircop |
| 05. | 2 | 8 | 04.05.08 | Chircop: Restawr tal-Knisja tas-Salvatur | Chircop qal li ġiet inawgurata l-Knisja tas-Salvatur fil-preżenza tas-Sindku, tal-Onor. Ministru Owen Bonnici, l-Onor Ministru Jose' Herrera u l-perit Tabita Dryfuss. Is-Sindku irringrazzjat lill-Ministeru tal-Kultura li ħadem sabiex ġew il-fondi. L-ispiża kienet ta' €60,000 li €7000 minnhom kienu materjal. Għamlet talba lill- Ministru Herrera sabiex isir restawr tal-knisja minn ġewwa wkoll kif ukoll il-paroċċa minn naħa ta' wara sabiex ir-restawr tagħha jkun komplut. | Chircop |
| 05. | 2 | 9 | 04.06.05 | Chircop: Ktieb Niskopru Triqat iż-Żejtun | Chircop qal li dan ser ikun lest din il-ġimgħa u diġa qed jittieħdu l-ordnijiet u s'issa diġa hemm ħamsin ordni. | Chircop |
| 05. | 2 | 10 | 04.06.13 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop informa lill-kunsill li d-data tas-6 ta' Lulju ser ikollha tiġi posposta għat-23 ta' Lulju peress li għad iridu jinġiebu l-permessi meħtieġa mill-Awtoritajiet tas-saħħa. | Chircop |
| 05. | 2 | 11 | 04.02.10 | Viċi-Sindku: Pagament Notebook Centre | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan u ċċarat ir-riferenza għala ser isir dan il-pagament. | Viċi-Sindku |
| 05. | 2 | 12 | 04.06.06 | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li din saret pero kienet mifruxa man-naħa t'isfel ta' Malta, b'waqfa qasira fiż-Żejtun peress li saru diversi kummenti fuq il-midja soċjali dwar din l-attivita'. Il-permessi intagħlbu minn Battle Front Malta u mhux mill-Kunsill Lokali | Chircop |
| 05. | 2 | 13 | 04.03.04 | Viċi-Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar problema tal-ilma għar-residenti tal-akwati. Is-Sindku qalet li ser niċċekjaw mal-W.S.C. | Sindku |
| 05. | 2 | 14 | 04.03.13 | Viċi-Sindku: Bust tas-Sur Attard | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk bagħtniex ittra ta' tweġiba lill Gal Xlokk. Segretarju Eżekuttiv wieġeb li tkellem mas-Sur Terence Camilleri dwar il-ħsieb tagħhom. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 15 | 04.03.14 | Viċi-Sindku: *Sleeping Policeman* | Il-Viċi-Sindu staqsiet x'ser isir dwar din. Qalet li konna qbilna għal waħda elevata. Is-Sindku qalet li ġibna kwotazzjonijiet, pero s-Sur Stabile ma qabilx mal-għoli tagħha u nfurmana li r-residenti għadhom ma jafux li din ser tiċċaqlaq. Kien hemm diskussjoni dwar kif ser immexxu. Ser ninfurmaw lir-residenti bil-bidla u nitkellmu ma' TM. | Sindku |
| 05. | 2 | 16 | 04.05.09 | Viċi-Sindku: Bankina fi Triq Taltass | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan. Is-Sindku qalet li talbet l-iżviluppatur sabiex iħalli l-istat tat-triq kif kien qabel, għax għalissa l-bankina ma tistax issir. | Sindku |
| 05. | 2 | 17 | 04.05.11 | Viċi-Sindku: Library corner | Talbet kwotazzjoni u ser tippreżentaha fil-laqgħa li jmiss. | Viċi-Sindku |
| 05. | 2 | 18 | 04.06.09 | Fenech: Għoti tad-demm | Fenech qalet li 37 persuna resqu biex jagħtu d-demm u ngabru 26 borża demm. Iringrazzjat lil kulħadd. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 19 | 04.06.09 | Fenech: Capoeira | Fenech qalet li bdew l-attivitajiet. F'Lulju u Awwissu ser ikollna l-ewwel erbgħa *youth leaders* li ser isiefru, il-Kunsill iħallas il-passaġġi u wara nirċievu rifussjoni tal-ammonti. Dawn huma Tessmarie Busuttil, Raisa Busuttil, Kylie Zahra, Bernice Abela. | Fenech |
| 05. | 2 | 20 | 04.06.11 | Fenech: Ikel lil *cat feeders* | Fenech qalet li qed ikollha problemi u rridu nagħfsu fuq it-tiswija iktar milli nqassmu l-ikla biex inrażżnu l-problema. | Fenech |
| 05. | 2 | 21 | 04.02.11 | Sindku: Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku qalet li ser isir l-anti skid, jibqgħu żewġ belishia lights u jinbiddlu t-traffic management ta' Triq il-Ħaddara u Triq Salvu Cacciatolo. Is-Segretajru Eżekuttiv li saret talba għal żewġ *junction boxesma'* TM fi Triq Santa Katarina għal Triq Alfred Cachia Zammit u minn Mater Boni Consigli għal Triq Santa Katarina. | Sindku |
| 05. | 2 | 22 | 04.03.05 | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li dan ġie inawgurat fis-26 ta' Mejju. Ħadu sehem ukoll it-tfal mill-Iskola Primarja A u ħejjew poeżija u tħawwlet siġra taż-żebbuġ bl-għajnuna tas-surmastrijiet s-Sur Pace u s-Sur Sammut. Il-ġnien diġa qed ikun frekwentat. Irringrazzjat lil Sport Malta li ffinanzjaw €25,000, parti mill-ispiża għal dan il-proġett li b'kollox sewa madwar €120,000. | Sindku |
| 05. | 2 | 23 | 04.03.06 | Sindku: Traffiku | Is-Sindku qalet li qed ikollna ħafna talbiet u l-aħħar laqgħa qbilna li nqabbdu espert. Ser issir ukoll mappa tal-lokal sabiex kull kunsillier iressaq l-ħsibijiet tiegħu qabel inressqu l-proposti lil dan l-espert sabiex isir pjan ħolistiku. | Sindku |
| 05. | 2 | 24 | 04.03.09 | Sindku: Parkeġġ taħt l-art | Iltaqet mal-Perit Matthew Gauci u ssuġerixxa li jsir survey tal-post. Hu ser jiddiskuti sabiex jara kif ser jiġi ffinanzjat dan is-survey. | Sindku |
| 05. | 2 | 25 | 04.03.12 | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun Nofsinhar | Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Aquilina, President tar-Reġjun Nofsinhar u ma' Sindki oħra li ser ikunu f'dan ir-reġjun fejn ġie preżentat ix-xogħol li sar. Hemm il-ħsieb li aħna nsiru parti minn dan ir-reġjun mill-1 ta' Jannar 2022. | Sindku |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/21. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | 1 | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Is-Segretarju Eżekuttiv wera d-dispjaċir tiegħu dwar din il-*policy* fejn devoluzzjoni ssir waħda waħda u din tieħu ħafna snin biex jiġu konklużi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 2 | 03 | Assoccjazjoni tal-Kunsilli Lokali | Dwar din il-bye-law ser nordnaw it-tabelli bil-lest u Fenech qalet li ser jingħalaq l-aċċess kemm jista' jkun fi djar abbandunati. | |
| 05 | 3 | 3 | 07 | Assoccjazjoni tal-Kunsilli Lokali | Is-Sindku infurmat lil Kunsill li fil-festa ma jista' jsiru l-ebda attivita', mwejjed barra jew *big screens.* | |
| 05 | 3 | 4 | 14 | Assoċċjazzjoni tan-naħħala | Ser jiġu identifikati pajsaġġi sabiex jitħalla ħaxix salvaġġ minħabba n-naħal. | |

**05. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4 | 1 | | Baldacchino | Baldacchino ġibed l-attenzjoni dwar xogħol ħażin li sa fi Sqaq il-Waħx u li m' għandux jeħel il-Kunsill. | |
| 05. | 4 | 2 | | Fenech: Misraħ Girgor Bonici | Fenech qalet li l-bankijiet li hemm f'din iż-żona għandhom jiċċaqalqu. Kien hemm qbil dwar dan. | |
| 05. | 4 | 3 | | Caruana Roderick: Arbli | Caruana staqsa dwar kif bqajna għall-permess sabiex jiġu mħaffra toqob għal-arbli. Qal ukoll li r-resident tkellem ma' Raymond Caruana pero xorta għandu jagħmelit-talba bil-miktub il-Kunsill. | Caruana Roderick |
| **05.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 5 | 1 | | Chircop: *Eden Award* | Chircop qal li ser nerġgħu napplikaw peress li ma ħadna xejn minnu għax ma sarux attivitajiet minħabba l-pandemija. Dan ser jibda jingħata mill-EU dirett issa. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Chircop |
| 5 | 5 | 2 | | Fenech: *Community Officers* | Fenech qalet li ser napplikaw sabiex darbtejn fil-ġimgħa jibda jkollna *community officer* li ser ikunu relatati mal-ħarsien tal-annimali. Din ġiet approvata. | Fenech |
| 5 | 5 | 3 | | Camilleri: Ġabra oħra tal-borża l-ħadra | Camilleri pproponiet li tiżdied ġabra oħra. Is-Sindku rrimarkat li issa daqt jiżdiedu l-magni li ser jiġbru l-flixken tal-plastik u din għandha tnaqqas sew mill-ammont ta' plastik fil-borża l-ħadra. | Fenech |
| **05.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li għad ma hemmx konferma issirx il-pantomima għal żmien il-Milied. | |
| 05. | 6. | 2 | | Camilleri: *Revision classes* | Camilleri qalet li dawn ser jibdew mill-14 ta' Lulju bejn id-9am u n-12.30am fis-sala ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten mill-għalliema Rachel Grima għal studenti tal-year 3,4,5,6 u hemm 24 applikazzjoni. | Camilleri |
| **05.** | **7.** | | | ***Tenders;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05 | 7 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li t-tenders tal-pavimentar u l-bankini għalqu fit-8 ta' Ġunju u ser jiġu evalwati sal-Ġimgħa li ġej. Ser jiġi ppublikat it-tender tal-perizja, tal-bulky refuse u tal-knis ta' toroq fil-ġimgħat li ġejjien.. | Segretarju Eżekuttiv |
| **05.** | **8.** | | | **Xogħolijiet;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 8. | 1 | | Sindku | Ingħata rendikont tax-xogħol li qed isir minn Infrastructure Malta fi Triq il-President Anton Buttigieg li wasal sabiex ikun lest dalwaqt. | |
| **05.** | **9.** | | | **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 9. | 1 | | | Dawn ma ġewx imressqa f'din il- laqgħa peress li l-awdituri ma laħqux għaddewlna l-lista. | |

| 05. | 11. | | | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti; | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/21 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/21 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Mejju 2021 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €82.05 | Segretarju Eżekuttiv |
| **05** | **12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |
| **05** | **13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7:48pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Lulju 2021 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |